A.L. 182 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-Diploma in Information Technology - Dip. I.T. – taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għad-Diploma in Information Technology - Dip. I.T. - taħt l-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji għall-Information Technology maħtur mis-Senat mill-membri tad-Dipartimenti tal-Computer Information Systems, Computer Science and Artificial Inelligence, u Communications and Computer Engineering;

"iċ-Ċertifikat" tfisser iċ-Ċertifikat fl-Information Technology;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Information Technology - Dip. I.T.;

"il-Kors" tfisser il-programm tal-kors li jwassal għad-Diploma in Information Technology – Dip. I.T.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, l-applikanti għandhom ikunu:

(a) għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura u f'wieħed mis-suġġetti li ġejjin: il-Matematika Applikata, il-Bijoloġija, il-Kimika, il-Computing, l-Ekonomija, l-Ingliż, l-Information Technology, il-Mużika, il-Filosofija, u l-Fiżika;

jew

(b)

(i) għaddew mill-Eżami għaċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja f'ħames suġġetti, li jinkludu l-Ilsien Ingliż, u l-Malti; u

(ii) għaddew fis-Systems of Knowledge fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; u

(iii) għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad ~ jew aħjar fil-Matematika Pura jew f'livell simili ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti għad-Dħul; u

(iv) jew

(a) kisbu l-Higher Technician Diploma tas-City and Guilds of London Institute Kors Numru 8000 fl-Inġinerija Elettrika;

jew

(b) kisbu d-Diploma fl-Elettronika Industrijali bi Kredtu taċ-Ċentru tat-Taħriġ Fellenberg;

jew

(ċ) kisbu l-Advanced Diploma tas-City and Guilds of London Institute Kors Numru 7235 fl-Applied Information Technology;

jew

(d) kisbu xi kwalifika oħra minn istitut rikonoxxut mill-Bord ta' l-Istudji bħala ekwivalenti għal xi waħda min (a), (b) jew (ċ).

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' sena studju fuq bażi *full-time* jew sentejn studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu fl-Informatics, fil-Computer Science, and fil-Computer and Telecommunication Systems Engineering.

(2) L-istudenti li jtemmu b'suċċess il-programm ta' studju ta' l-ewwel sena tal-Kors fuq bażi *part-time,* li tinvolvi mhux anqas minn 30 kredtu, iżda jagħżlu li ma jkomplux il-Kors, jingħataw iċ-Ċertifikat.

6. Minkejja l-provvedimenti tar-regolament 45 tar-Regolamenti Prinċipali, f'kull sena tal-Kors, l-istudenti ma jitħallewx jgħaddu b'kumpens minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati aktar minn 12-il kredtu u jekk ikun hemm bżonn l-istudenti jkunu meħtieġa jagħżlu liema taqsima/taqsimiet studju mit-taqsimiet studju eliġibbli għandhom jitqiesu li għaddew b'kumpens, sal-valur massimu ta' 12-il kredtu.

L-Eliġibilita' biex Jipproċedu għal aktar Studji

7. L-istudenti li jingħataw id-Diploma jkunu eliġibbli biex jidħlu fit-tieni sena tal-kors li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours), sakemm huma jidħlu fil-kors mhux aktar tard minn tliet snin wara li jkunu ngħataw id-Diploma.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

8. L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.